MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru. 506/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Jacqueline Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jacqueline Agius, ta' 45 sena, mart Pierre, bint George Zammit u Emanuela nee' Zammit, imwielda Tarxien fis- 7 ta' Settembru, 1961 u residenti fl-indirizz 20, Triq l-Ghasel, Mosta u detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 604061 (M).

Akkuzata talli:

Fid-29 ta' Mejju, 2007 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement qieghdet fic-cirkulazzjoni, bejghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

Talli fl-istess cirkustanzi, bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, iddupplikat, jew mod iehor irripproduciet jew ikkopjat, jew bejghet, qassmet, jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex jitqassam oggetti jew merkanzija bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat il-provi.

Ikkunsidrat

Illi waqt l-udjenza mizmuma llum 16 ta' Gunju 2008 l-prosekuzzjoni ddikjarat li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata jirrizultaw sal-grad rikjest mill-Ligi. Il-Qorti hija ta' l-istess fehma.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom. Il-Qorti pero tordna d-distruzzjoni ta' l-ogetti esebieti bhala Dok JM 4 kif ukoll l-oggetti esebieti formalmanet mill-prosekuzzjoni u li ricevuta taghhom hija

esebieta Dok AG2 liema distruzzjoni ghandha ssir a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------